Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/0808(NLE)

27.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Tony Murphy għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0334/2023 – 2023/0808(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Monika Hohlmeier

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS 1: Il-*CURRICULUM VITÆ* TA' TONY MURPHY 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' TONY MURPHY GĦALL-MISTOQSIJIET 5

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Tony Murphy għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0334/2023 – 2023/0808(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0334/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi, bl-ittra tat-8 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Tony Murphy għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament imbagħad ipproċeda biex jevalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fit-12 ta' Ottubru 2023, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Tony Murphy għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: Il-*CURRICULUM VITÆ* TA' TONY MURPHY

Kwalifiki professjonali:

1997–2006	Membru tal-IIA (Istitut tal-Awdituri Interni) u Awditur Intern Iċċertifikat wara l-eżaminazzjonijiet ta' Novembru 2005.
1989	Sieħeb fl-Association of Chartered Certified Accountants
1979–1984	Membru assoċjat mal-Association of Chartered Certified Accountants

Esperjenza professjonali:

2022 – President Attwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Lussemburgu, il-Lussemburgu 2018 – 2022 Membru Irlandiż tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Lussemburgu, il-Lussemburgu

2017–2018	Direttur tal-Awla IV (Regolamentazzjoni tas-Swieq u Ekonomija kompetittiva) fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Lussemburgu, il-Lussemburgu
2013–2017	Kap tal-Uffiċċju Privat ta' Membru fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Lussemburgu, il-Lussemburgu
2007–2012	Kap tal-Unità tal-Awditjar Intern fil-Kummissjoni Ewropea - Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji - Unità tal-Awditjar Intern, il-Lussemburgu
2003–2007	Awditur fil-Kummissjoni Ewropea - Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji - Unità tal-Awditjar Intern, il-Lussemburgu, il-Lussemburgu
1999–2003	Espert Nazzjonali Sekondat fil-Kummissjoni Ewropea - Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji - Unità tal-Awditjar Intern, il-Lussemburgu, il-Lussemburgu
1994–1999	Awditur Prinċipali fl-Uffiċċju tal-Kontrollur u l-Awditur Ġenerali, Dublin, l-Irlanda
1979–1994	Awditur fl-Uffiċċju tal-Kontrollur u tal-Awditur Ġenerali, Dublin, l-Irlanda

Esperjenza internazzjonali:

2008	President tal-Bord tal-Verifika tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), il-Lussemburgu, il-Lussemburgu
2007	Membru tal-Bord tal-Verifika tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), il-Lussemburgu, il-Lussemburgu
1998–1999	President tal-Bord tal-Verifika tal-Kunsill tal-Ewropa, Strasburgu, Franza
1997	Membru tal-Bord tal-Verifika tal-Kunsill tal-Ewropa, Strasburgu, Franza

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' TONY MURPHY GĦALL-MISTOQSIJIET

Qadi tad-dmirijiet: tagħlimiet meħuda u impenji futuri

1. X'inhuma l-kisbiet ewlenin tiegħek fil-kariga ta' membru tal-QEA? X'kienu l-akbar diffikultajiet?

Kelli diversi funzjonijiet bħala membru tal-QEA f'dawn l-aħħar sitt snin li għalihom nixtieq nissottolinja l-kisbiet li ġejjin:

Kont il-Membru responsabbli għat-twettiq tad-dikjarazzjoni tal-awditu ta' aċċertament dwar in-nefqa ta' koeżjoni fuq bażi kontinwa għal tliet snin, li jkopru s-snin mill-2018 sal-2020. Ir-riżultat ta' dan kien il-kapitolu tar-rapport annwali tagħna għall-intestatura tal-QFP dwar il-koeżjoni. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna u jipprovdi analiżi komprensiva tal-attivitajiet u l-infiq primarju f'dan il-qasam ta' politika. Dan jirrappreżenta wieħed mill-akbar oqsma ta' nfiq tal-baġit tal-UE. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna kkontribwew għat-tisħiħ tal-qafas ta' kontroll fis-snin sussegwenti.

Fl-2018, issorveljajt ukoll l-introduzzjoni tal-"approċċ ta' attestazzjoni" tagħna għad-dikjarazzjoni tal-awditu ta' aċċertament tagħna f'dan il-qasam ta' politika. Aħna mexxejna approċċ immodifikat biex ninkludu testijiet tal-kontrolli u l-ittestjar sostantiv tat-tranżazzjonijiet awditjati minn oħrajn. Dan l-approċċ ippermettielna niksbu għarfien akbar dwar jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll humiex effettivi fil-livell tal-Istati Membri.

Fl-2020, ġejt elett Dekan tal-Awla V, "finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni" u bħala membru responsabbli għar-rapport annwali, li huwa r-riżultat primarju tal-QEA. F'dan ir-rwol, issorveljajt il-produzzjoni ta' tliet rapporti annwali.

Ir-rapporti annwali saru b'suċċess matul iċ-ċirkostanzi diffiċli tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li ġew ippubblikati wkoll f'konformità mal-iskadenzi leġiżlattivi. Għalkemm dan it-twettiq kien ir-riżultat ta' sforzi kollaborattivi fil-QEA, ir-rwol tiegħi bħala membru involva koordinazzjoni orizzontali u kollegament ma' diversi servizzi fl-istituzzjoni għall-iżgurar tal-ħolqien f'waqtu ta' prodott rilevanti, koerenti u konsistenti.

Fl-2022 bħala Membru għar-rapport annwali, kont responsabbli għall-introduzzjoni u l-iżvilupp tal-kapitolu għall-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Minħabba n-natura unika tal-infiq tal-RRF meta mqabbel mal-QFP regolari, dan immarka l-ewwel każ ta' opinjoni separata fir-rapport annwali tagħna. Kelli rwol ċentrali fit-tfassil tal-metodoloġija u l-approċċ ġenerali tagħna, fil-limitazzjonijiet ta' dan il-mudell ġdid ta' twettiq.

Barra minn hekk, matul l-aħħar sitt snin, kont responsabbli għal diversi pubblikazzjonijiet tal-QEA inkluż rieżami, opinjoni u diversi awditi tal-konformità u tal-prestazzjoni (rapporti speċjali). Ir-rapporti speċjali kienu jinkludu:

- *Rapport Speċjali Nru 20/2020: Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal: Jinħtieġ immirar aħjar tal-appoġġ tal-Kummissjoni*
- *Rapport Speċjali Nru 26/2021: Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE: Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali.*

- *Rapport Speċjali Nru 07/2023: It-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF: Minkejja li qed jiġi ppjanat xogħol estensiv, fil-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni għad hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE*

Fl-aħħar nett, inqis l-elezzjoni tiegħi bħala President tal-QEA mill-pari rispettati tiegħi bħala kisba sinifikanti. Bdejn nokkupa dan ir-rwol f'Ottubru 2022 bl-għan ġenerali li nsaħħaħ il-valuri ewlenin tal-istituzzjoni tagħna, inklużi l-indipendenza, l-integrità, l-oġġettività, it-trasparenza u l-professjonaliżmu. Barra minn hekk, għandi l-għan li nippromwovi ambjent tax-xogħol aktar inklużiv u li jippremja għall-persunal tagħna. Jiena nemmen li diġà wettaqt għadd minn dawn l-objettivi f'konformità mal-istrateġija tagħna għall-2021-2025.

Tfixkil:

Fir-rigward tat-tfixkil, l-għadd ta' kisbiet li esperjenzajt matul l-aħħar kważi sitt snin bħala membru tal-QEA fil-biċċa l-kbira jegħlbu l-ostakli. Madankollu, inkun ipokrita jekk ngħid li kull ħaġa relatata max-xogħol tal-QEA hija għas-sodisfazzjon sħiħ tiegħi.

Jiddispjaċini ngħid li r-rilevanza u l-għarfien tal-ħidma tagħna mhumiex mifruxa daqs kemm inqis li għandhom ikunu. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, li jsiru fil-kuntest tat-titjib tal-ġestjoni tal-baġit tal-UE, u b'hekk jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji taċ-ċittadini, mhux dejjem tittieħed azzjoni sħiħa fir-rigward tagħhom. Jien determinat li nkompli ntejjeb din is-sitwazzjoni.

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-QEA għamlet passi biex tiddiġitalizza x-xogħol tal-awditjar tagħha, aħna ninsabu ristretti mir-rata ta' diġitalizzazzjoni tal-entitajiet awditjati minna. Bħala tali, il-kwalità u l-kompletezza tad-data li tiġi pprovduta mill-entitajiet awditjati minna spiss ma jkunux fil-format meħtieġ, li jaġevola d-diġitalizzazzjoni tal-ħidma tagħna. Iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni hija wieħed mill-elementi fl-istrateġija tagħna għall-2021-2025, bl-għan li nwettqu l-ħidma tagħna b'mod aktar effiċjenti.

2. X'inhuma t-tagħlimiet ewlenin meħuda fil-qasam ta' kompetenzi tiegħek / ir-riżultati miksuba fid-dmirijiet u l-kompiti tal-awditjar tiegħek?

Kelli l-opportunità li nikseb esperjenza siewja u diversi riżultati sinifikanti matul dawn l-aħħar kważi sitt snin.

Matul żmieni bħala Membru għar-rapport annwali, il-kollaborazzjoni effettiva fost it-timijiet tal-awditjar, l-istituzzjonijiet, u l-partijiet ikkonċernati kienet ta' importanza kbira fit-twettiq tar-rapport annwali tagħna matul iċ-ċirkostanzi mingħajr preċedent li ġabet magħha l-pandemija.

Bħala Dekan u issa bħala President, jien konxju li rrid dejjem nipprovdi pjattaforma għal kulħadd biex jesprimi l-ideat u t-tħassib tiegħu, sabiex tiġi aġevolata diskussjoni strutturata u bbilanċjata. Dan irawwem ambjent fejn il-kunsens jista' jinħoloq b'mod naturali, li jwassal għal deċiżjonijiet aktar infurmati u aċċettati b'mod wiesa'.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-ħidma relatata ma' rapporti speċjali u ma' prodotti oħrajn tal-QEA li kont responsabbli għalihom, inqis li r-rakkomandazzjonijiet li jħallu impatt bħala xi ħaġa kruċjali, u li jwasslu għal titjib konkret fil-programmi u fil-politiki tal-UE. Għall-kompiti tal-awditjar tiegħi, dejjem għamilt ħilti biex nfassal rakkomandazzjonijiet ċari, speċifiċi u

azzjonabbli li jkunu marbuta mas-sejbiet tagħna. Din hija xi ħaġa li nippromwovi fil-QEA bħala President.

Jiena ssorveljat il-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' tliet rapporti annwali tal-QEA. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dawn ir-rapporti kkontribwew biex itejbu l-ġestjoni finanzjarja tal-UE u jippromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza. Barra minn hekk, kont responsabbli għall-introduzzjoni u l-iżvilupp tal-kapitolu għall-RRF. L-RRF huwa mudell ta' nfiq uniku u innovattiv tal-UE. L-iżvilupp ta' metodoloġija tajba u approċċ tal-awditjar kienu kruċjali bħala bażi għall-awditi sussegwenti f'dan il-qasam ta' politika. Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet tagħna f'dan il-qasam joffru gwida imprezzabbli lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE.

3. X'valur miżjud tista' toffri lill-QEA fit-tieni mandat tiegħek u/jew b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli għalih? Tixtieq tibdel il-qasam ta' responsabbiltà tiegħek? X'jimmotivak?

Bħala President tal-QEA, inqis li r-rwol tiegħi huwa multidimensjonali fis-sens li għandi obbligi interni sinifikanti fit-titjib tal-funzjonament tal-QEA u tal-prodotti tagħha. Min-naħa l-oħra, jien impenjat ukoll li nirrappreżenta u li nippromwovi l-għarfien tal-istituzzjoni mad-dinja ta' barra.

Minn perspettiva interna, nixtieq inkompli bil-kompiti li diġà bdejt. Ħafna minn dawn il-kompiti jikkonċernaw l-istrateġija tagħna tal-2021-2025, fejn għandna serje ta' miżuri ta' implimentazzjoni marbuta mal-għanijiet u l-objettivi differenti tagħha. Dawn il-miżuri jinkludu inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza, it-titjib tal-komunikazzjonijiet interni u esterni, u l-involviment f'rieżami bejn il-pari. Jien marbut li nibni fuq il-progress li għamlet sa issa l-QEA u li nesplora d-direzzjoni futura tagħna.

Fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati esterni tagħna, kemm jekk il-Parlament Ewropew, istituzzjonijiet oħrajn, awtoritajiet tal-Istati Membri jew iċ-ċittadini tagħhom, dejjem nagħmel ħilti biex insaħħaħ ir-rabtiet u nkompli ntejjeb ir-relazzjonijiet tagħna. Nagħmel dan billi nimpenja ruħi biex nikkomunika fuq bażi kontinwa mal-atturi kollha. Il-President għandu rwol ġenerali x'jaqdi f'dawn ir-relazzjonijiet.

Jien konvint mill-importanza tar-rwol li l-QEA għandu jkollha fil-kapaċità tagħha bħala l-awditur estern indipendenti tal-UE. F'dan ir-rigward jien motivat ħafna fil-promozzjoni tar-riżultati ta' kwalità għolja tal-QEA fi sforz biex dawn jiġu rikonoxxuti b'mod aktar wiesa'.

4. Kif tiżgura li tilħaq l-objettivi tal-awditjar ippjanati tiegħek f'kompitu tal-awditjar? Ġieli kont fis-sitwazzjoni fejn ma stajtx twettaq il-kompitu tal-awditjar, u għal liema raġunijiet? Kif topera f'sitwazzjonijiet kontroversjali bħal dawn?

Il-komunikazzjoni kontinwa u regolari bejn il-Membru u t-tim tal-awditjar, biex tiġi żgurata analiżi kontinwa tal-proċess tal-awditjar hija vitali għas-suċċess f'kompitu tal-awditjar. Dejjem nagħti prijorità lit-trasparenza u l-komunikazzjoni u b'esperjenza estensiva fil-ġestjoni tal-awditi, ġeneralment napplika approċċ strutturat li jinkludi ppjanar bir-reqqa u monitoraġġ kontinwu. Permezz ta' dan il-proċess, irnexxieli nevita sitwazzjonijiet kontroversjali bħal dawn fejn nuqqas serju ta' ftehim bejn il-Membru u t-tim jew fil-konfront tal-entità awditjata kien jipperikola l-eżitu tal-awditu.

Madankollu, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet minħabba ċirkostanzi jew sitwazzjonijiet diffiċli fejn ikun hemm dewmien fil-kompiti tal-awditjar. Iż-żamma ta' linji ta' komunikazzjoni miftuħa u ta' mentalità li tfittex li ssolvi l-problemi hija kruċjali biex nindirizzaw dawn l-isfidi b'mod effettiv, filwaqt li dejjem nirrispettaw il-prinċipji tal-integrità u tal-obbligu ta' rendikont fix-xogħol tal-awditjar tagħna.

5. Jekk tiġi kkonfermat mill-ġdid għat-tieni mandat u ipotetikament, jekk tiġi elett Dekan ta' Awla tal-QEA, kieku inti kif tmexxi x-xogħol biex tiddefinixxi l-prijoritajiet tagħha? Tista' tagħtina żewġ jew tliet eżempji ta' oqsma li għandu jsir enfasi fuqhom fil-ġejjieni?

Bħala parti miċ-ċiklu ta' programmazzjoni tal-QEA, id-deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-programm ta' ħidma jittieħdu mill-Kulleġġ kollu kemm hu, abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti fl-istrateġija tal-QEA u r-riżorsi disponibbli. Qabel dan, fil-livell tal-awla, li għandha l-persunal bl-għarfien espert għall-oqsma ta' politika speċifiċi, il-Membri jikkontribwixxu b'mod kollettiv għal dan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet relatat mal-ħidma tagħna, permezz ta' diskussjonijiet informati. It-tmexxija ta' diskussjonijiet bħal dawn kienet ir-responsabbiltà tiegħi għal għadd ta' ċikli ta' programmazzjoni meta kont id-Dekan tal-Awla V. Fir-rwol tiegħi bħala President, bis-servizzi tiegħi, għandi rwol ta' koordinazzjoni fil-proċess ġenerali biex niddetermina l-programm ta' ħidma finali.

Meta nħares 'il quddiem, il-kwistjonijiet ewlenin li nqis li jistgħu jiffurmaw parti importanti mill-ħidma tal-QEA se jkunu awditi fir-rigward ta' fondi li jispiċċaw għall-Ukrajna, infiq fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u kwistjonijiet bħall-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-awtonomija strateġika. L-RRF se jkompli jirrikjedi livell sinifikanti ta' skrutinju mill-QEA wkoll.

6. Kieku kellek timmaniġġja l-għażla ta' kompiti tal-awditjar fid-dawl tat-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali tal-QEA, fuq liema bażi tagħmel l-għażla tiegħek minn fost il-lista ta' prijoritajiet mibgħuta mill-Parlament u/jew mill-Kumitat CONT?
X'tagħmel jekk prijorità politika ma tikkorrispondix għall-valutazzjoni tar-riskju tal-QEA dwar l-attivitajiet tal-Unjoni?

Bħala awdituri esterni qed inħejju l-programm ta' ħidma tal-awditjar tagħna b'mod indipendenti, iżda mhux b'mod iżolat. Il-proċess tal-għażla ta' suġġetti tal-awditjar ġodda u l-inklużjoni tagħhom fil-programm ta' ħidma huwa bbażat fuq riċerka bir-reqqa tal-oqsma tal-awditjar, valutazzjoni tar-riskji, li hija kkomplementata minn analiżi tas-suġġerimenti magħmula mill-partijiet ikkonċernati. Sabiex jiġu inklużi l-aktar suġġetti tal-awditjar rilevanti, kull sena nikkomunikaw mal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tagħna bħall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-parlamenti tal-Istati Membri. Fil-fatt, il-kumitati tal-Parlament Ewropew permezz tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati ppreżentaw 131 suġġeriment tal-awditjar għall-programm ta' ħidma tal-2023+. Kważi żewġ terzi ta' dawn is-suġġerimenti huma kompletament jew parzjalment adottati f'ħidma li għaddejja jew futura jew ġew koperti fl-aħħar rapporti tagħna.

Peress li r-riżorsi tal-awditjar huma limitati, aħna fassalna s-sistema ta' programmazzjoni b'mod li niżguraw li l-QEA tiddedika l-attenzjoni tagħha għall-aktar kwistjonijiet importanti, filwaqt li tagħmel ħilitha biex tipproduċi rapporti ta' kwalità għolja u li jħallu impatt. Is-suġġetti tal-akbar importanza jingħataw prijorità abbażi tar-riżorsi disponibbli.

Minħabba dan l-approċċ komprensiv fl-istabbiliment tal-programm ta' ħidma, huwa probabbli ħafna li l-prijoritajiet politiċi, bil-kundizzjoni li jkunu fil-mandat tal-awditjar tagħna, jitqiesu fil-proċess għall-programm ta' ħidma annwali tagħna.

Il-ġestjoni tal-portafoll, metodi ta' ħidma u riżultati

7. Il-produzzjoni ta' rapporti ta' kwalità għolja, robusti u f'waqthom hija kruċjali:

– **Kieku inti kif tiżgura li d-data użata f'awditu tkun affidabbli u li s-sejbiet ikunu aġġornati?**

F'konformità mal-istandards, l-għan tagħna huwa li niżguraw il-kwalità tal-evidenza tal-awditjar tagħna, li tinkludi d-data sottostanti. Sabiex tkun xierqa, l-evidenza tal-awditjar trid tkun kemm rilevanti kif ukoll affidabbli biex tipprovdi bażi għall-konklużjonijiet, li jirriżultaw fl-opinjoni tal-awditjar u r-rakkomandazzjonijiet.

Il-QEA għandha sistema ta' ġestjoni tal-kwalità biex tagħtina aċċertament raġonevoli li nwettqu l-ħidma tagħna f'konformità mal-istandards professjonali u internazzjonali u mar-rekwiżiti applikabbli, u li r-rapporti huma ta' kwalità għolja.

Din is-sistema tinkludi arranġamenti għall-ġestjoni tal-kwalità qabel ma jiġi ffinalizzat il-kompitu permezz ta' superviżjoni, rieżami u rieżami tal-kwalità indipendenti, u permezz ta' kontrolli ta' aċċertament tal-kwalità wara li jitlesta l-kompitu. Dan ifisser li r-rapporti kollha tagħna huma soġġetti għal proċess dettaljat ta' ġestjoni tal-kwalità, li jinkludi l-kontrolli dwar l-affidabbiltà tad-data. Fejn għandna kwistjonijiet bid-data, aħna nqajmu dan it-tħassib fis-sejbiet tagħna u noħorġu rakkomandazzjonijiet biex intejbu s-sitwazzjoni fil-futur.

B'mod aktar ġenerali, meta nitkellmu dwar rapporti tal-awditjar f'waqthom, qed inħarsu fuq bażi kontinwa lejn modi kif nistgħu nipproduċu rapporti tal-awditjar jew awditi iqsar b'ambitu aktar iffukat. Tali tip ta' rapporti skont in-natura jitħejjew aktar malajr u għalhekk joffru rispons għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati b'mod f'waqtu u rilevanti.

– **Kieku inti kif ittejjeb il-kwalità u l-pertinenza tar-rakkomandazzjonijiet?**

Fir-rapporti tal-QEA, dejjem naħdmu biex nagħmlu rakkomandazzjonijiet rilevanti, prattiċi u kosteffettivi biex ngħinu lill-entitajiet awditjati minna jindirizzaw id-dgħufijiet li nidentifikaw. Huwa importanti wkoll li r-rakkomandazzjonijiet ikunu rimedji fattibbli li jindirizzaw lill-entitajiet bir-responsabbiltà u l-kompetenza li jaġixxu fir-rigward tagħhom b'mod waqtu. Il-konformità ma' dawn il-prinċipji hija koperta permezz tal-proċeduri ta' ġestjoni tal-kwalità tagħna.

Kif għedt qabel, fir-rigward tat-tagħlimiet meħuda, nemmen li r-rakkomandazzjonijiet li jħallu impatt iwasslu għal titjib konkret fil-programmi u fil-politiki tal-UE. Għall-kompiti tal-awditjar tiegħi, dejjem għamilt ħilti biex nagħmel rakkomandazzjonijiet pertinenti li huma marbuta mas-sejbiet tagħna. Din hija xi ħaġa li nippromwovi wkoll fil-QEA kollha bħala President.

8. L-għan tar-riforma tal-QEA huwa li tiġi stabbilita relazzjoni ta' obbligu ta' rendikont aktar b'saħħitha bejn it-tim tal-awditjar u l-membru rapporteur:

– **Meta tqis l-esperjenza tiegħek, taħseb li r-rwol ta' membru huwa li jkun aktar involut fil-ħidma tal-awditjar?**

Il-Membru relatur jieħu s-sjieda u fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli għall-kwalità u l-puntwalità tax-xogħol tal-awditjar. Wara r-riforma tal-2016, il-kapijiet tal-kompiti jirrispondu direttament lill-membru relatur għat-twettiq ta' awditi fil-ħin u f'konformità mal-istandards. Madankollu, huwa r-rwol tal-Membru relatur li jissorvelja l-verifika tal-fatti u l-proċedura kontradittorja. Din l-istruttura tipprovdi rwol sinifikanti għall-Membri u tiżgura l-involviment dirett tagħhom fix-xogħol tal-awditjar. Barra minn hekk, isservi biex tikkontribwixxi għal fehim aħjar tar-riżultati tal-awditjar għall-Membri. Għalhekk, dan l-arranġament jippermettilhom jikkomunikaw aħjar ir-riżultati tal-ħidma lill-partijiet ikkonċernati esterni. Bħala President, inħeġġeġ fuq bażi kontinwa lill-Membri biex ikunu involuti fil-livelli kollha ta' ħidma relatata mal-kompiti ta' awditjar tagħhom.

– **Kieku inti tibdel il-mod kif taħdem ma' tim tal-awditjar? Jekk iva, kif?**

B'mod simili għat-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija relatata mal-ilħuq tal-objettivi tal-kompitu tal-awditjar, fil-fehma tiegħi, il-komunikazzjoni kontinwa u regolari bejn il-Membru u t-tim tal-awditjar, biex tiġi żgurata analiżi kontinwa tal-proċess tal-awditjar, hija essenzjali meta ssir ħidma fuq bażi konġunta.

Barra minn hekk, komunikazzjoni ċara u mentalità li tfittex li ssolvi l-problemi huma kruċjali biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod effettiv f'tim. Dan huwa l-approċċ ta' suċċess li napplika fil-ħidma mat-timijiet tal-awditjar u jippermettilna nżommu l-prinċipji tal-integrità u l-obbligu ta' rendikont fix-xogħol tal-awditjar.

9. Xi jkunu s-suġġerimenti tiegħek għat-titjib u l-modernizzazzjoni ulterjuri tal-funzjonament, il-programmazzjoni u x-xogħol (iċ-ċiklu ta' awditjar) tal-QEA? Wara l-ewwel mandat tiegħek, tista' ttina aspett pożittiv tal-ħidma tal-QEA, u wieħed negattiv?

Il-QEA adattat għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li qed jinbidlu, billi ppromwoviet trasformazzjoni diġitali tal-awditjar u aġġornament tat-teknoloġija u tal-prattiki fl-organizzazzjoni kollha biex tkompli tipprovdi servizz effettiv bħala l-awditur estern indipendenti tal-UE. Madankollu, nara potenzjal ulterjuri fl-użu akbar tad-data u tal-għodod u t-tekniki tal-IT, matul l-istadji differenti tal-ħidma tagħna biex intejbu l-funzjonament tal-QEA.

Progress ulterjuri jkun jirrikjedi li nkomplu niżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien tal-persunal biex niksbu bidla fil-kultura u l-mentalità tax-xogħol tagħna. Madankollu, dan jirrikjedi wkoll li data aċċessibbli ssir disponibbli fil-format meħtieġ mill-entitajiet awditjati minna. Il-livell sa liema nistgħu nużaw dawn l-għodod imtejba jiddependi l-aktar mill-maturità tas-sistemi tal-entitajiet awditjati minna. Sfortunatament dan mhuwiex il-mandat tagħna, iżda aħna se nippruvaw infittxu impenn mill-partijiet ikkonċernati tagħna biex jingħata lok għall-aħjar żieda fl-effiċjenza possibbli.

Fir-rigward tal-programmazzjoni tal-ħidma tal-QEA qed nagħmlu sforzi kontinwi biex intejbu l-proċess. L-aġġornamenti u t-titjib isiru b'mod regolari, bl-aktar waħda reċenti jsir fl-2022, biex l-għażla tal-kompiti tagħna ssir aktar strateġika. Aħna introduċejna kunċett pluriennali, fejn il-kompiti tal-awditjar huma ppjanati fuq perjodu ta' 24 xahar. Barra minn hekk, il-proċess ta' programmazzjoni aġġornat jappella għal aktar flessibbiltà matul l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma, li tippermettilna nkunu reattivi għal kwistjonijiet emerġenti ġodda, bħal kriżijiet u bidliet oħrajn f'daqqa fl-ambjent.

F'termini ta' aspett pożittiv tal-ħidma tal-QEA, l-adattabbiltà, il-flessibbiltà u l-impenn tal-Istituzzjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 huwa aspett li jien kburi ħafna dwaru. Il-kapaċità li nadattaw għal bidla kbira f'daqqa fil-kundizzjonijiet u l-metodi tax-xogħol, filwaqt li xorta waħda jirnexxilna nwasslu l-evidenza tal-awditjar meħtieġa sabiex inkunu nistgħu nikkonkludu l-ħidma tagħna kienet ta' suċċess kbir.

Bħala organizzazzjoni bbażata fuq l-għarfien, il-QEA tiddependi mill-ħiliet, mill-professjonaliżmu u mill-esperjenza tal-persunal tagħha, u għalhekk ir-reklutaġġ ta' persunal tas-sengħa u professjonali huwa essenzjali. Għalhekk, f'termini ta' aspett negattiv, punt importanti li għandu jissemma huma d-diffikultajiet tal-QEA biex tattira lin-nies jaħdmu (u jgħixu) fil-Lussemburgu minħabba, fost affarijiet oħrajn, iż-żieda fl-għoli tal-ħajja. Aħna se nibqgħu nipparteċipaw b'mod attiv fil-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar l-attraenza tal-Lussemburgu. F'dan il-kuntest, in-network, immexxi mill-QEA, organizza avveniment ta' taħriġ biex ilaqqa' flimkien l-Ambaxxaturi tal-Persunal tal-UE bbażati fil-Lussemburgu fl-2023. B'mod ġenerali, insib li din is-sitwazzjoni attwali tikkonċerna u tappoġġja kwalunkwe inizjattiva li tista' tgħin biex ittaffi s-sitwazzjoni.

10. Skont it-Trattat, il-Qorti hija meħtieġa li tassisti lill-Parlament fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' kontroll tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-baġit sabiex jittejbu kemm is-sorveljanza pubblika tal-infiq ġenerali, kif ukoll il-valur tiegħu għall-flus:

– **Bl-esperjenza tal-ewwel mandat tiegħek, kif tista' tittejjeb aktar il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew (Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) dwar l-awditjar tal-baġit tal-UE?**

L-interazzjoni u l-komunikazzjoni fuq bażi kontinwa bejn il-Membri tal-QEA u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) huma essenzjali, peress li nqis li dan il-Kumitat huwa parti kkonċernata ewlenija tal-QEA. Matul l-ewwel mandat tiegħi, rajt kooperazzjoni mtejba bejn il-QEA u l-Kumitat CONT. Personalment kont quddiem il-Kumitat diversi drabi, kemm biex nippreżenta rapport speċjali, nieħu sehem f'dibattitu jew fil-kuntest tas-seduti ta' kwittanza. Ħadt sehem ukoll f'missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat CONT. Jien ukoll favur ħafna li ssir il-laqgħa annwali bejn il-Kumitat CONT u l-QEA. Barra minn hekk, aktar laqgħat iddedikati għal suġġetti speċifiċi jistgħu jkunu ta' benefiċċju.

Minbarra dawn l-interazzjonijiet uffiċjali, jien iltqajt ukoll, fuq bażi regolari, b'mod proattiv mal-MEPs f'diversi gruppi biex nippromwovu l-ħidma tagħna u niskambjaw fehmiet dwarhom.

It-tmiem tal-leġiżlatura attwali, se jkun opportunità għall-QEA biex tanalizza t-tagħlimiet meħuda mill-interazzjonijiet attwali mal-Kumitat CONT. Ir-riżultati ta'

dan l-eżerċizzju jistgħu jikkontribwixxu għal djalogu mtejjeb mal-Parlament il-ġdid wara l-elezzjonijiet Ewropej tas-sena d-dieħla.

– **Bl-istess mod, kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-QEA u l-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali?**

Il-QEA hija membru attiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI) u waħda mit-30 membru fundatur tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (EUROSAI), li hija l-fergħa reġjonali Ewropea tal-INTOSAI. Il-QEA bħalissa hija l-President tal-Kumitat tal-Istandard Professjonali tal-INTOSAI. Dan jagħtina l-opportunità li nikkondividu l-esperjenza u l-prattiki tajbin ma' istituzzjonijiet tal-awditjar supremi barra mill-UE. F'din il-kapaċità, il-QEA issa hija wkoll membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-INTOSAI.

Il-QEA tikkoopera wkoll ma' istituzzjonijiet supremi oħrajn tal-awditjar u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-awditjar kemm b'mod bilaterali kif ukoll b'mod multilaterali, fil-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE, fejn il-QEA twettaq ir-rwol ta' Segretarjat. Fil-Kumitat ta' Kuntatt, il-QEA għandha rwol sinifikanti ta' koordinazzjoni u ppromwoviet l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma/gruppi ewlenin dwar suġġetti ewlenin bħall-pandemija tal-COVID-19, l-RRF jew l-enerġija. Barra minn hekk, il-QEA tappoġġja l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE. Pereżempju s-sena l-oħra, flimkien mal-OECD, aħna appoġġjajna laqgħa għat-titjib fil-governanza u l-ġestjoni.

Barra minn hekk, il-QEA tappoġġja wkoll il-bini tal-kapaċitajiet tal-SAI tal-Ukrajna permezz ta' skambju ta' għarfien u permezz ta' esperti nazzjonali sekondati tal-Ukrajna.

Saff ieħor ta' kooperazzjoni huwa l-parteċipazzjoni fir-rieżamijiet bejn il-pari. Dawn jipprovdu saff ta' aċċertament addizzjonali dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-awditjar. Bħalissa qed niffinalizzaw l-ambitu u l-kuntest tar-rieżami bejn il-pari li jmiss tal-QEA.

Matul is-sena li għamilt bħala President, ikkooperajt personalment ma' għadd ta' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar fil-kuntest ta' żjarat uffiċjali fl-Istati Membri. Irrappreżentajt ukoll lill-QEA fil-Kungress tal-INTOSAI, fil-EUROSAI u fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt.

Kif jista' jiġi osservat minn din il-firxa ta' attivitajiet, il-QEA hija impenjata fuq bażi kontinwa biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar.

11. Kif se tappoġġja lill-Parlament biex jirnexxilu jqassar il-proċedura ta' kwittanza? X'azzjonijiet jistgħu jittieħdu min-naħa tiegħek?

Il-QEA hija impenjata biex tissodisfa l-iskadenzi tal-kwittanza stabbiliti mil-leġiżlatur. Aħna nistinkaw biex nippreżentaw ir-rapporti annwali tagħna saħansitra aktar kmieni meta possibbli, mingħajr ma nikkompromettu l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar tagħna. Il-ħeffa tal-

proċess tiddependi wkoll fuq l-entità awditjata, u jekk nirċievux informazzjoni ta' sostenn, bħal rapporti finanzjarji, fil-ħin. B'mod partikolari, iż-żmien tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) huwa ta' sfida kbira għalina. Bl-istess mod, nifhmu li l-Kummissjoni nnifisha tiddependi mill-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri.

Fl-aħħar snin, u waqt li kont Membru għar-rapport annwali, il-Kummissjoni u l-QEA qablu dwar adozzjoni aktar bikrija tal-kontijiet konsolidati finali tal-UE bl-objettiv ta' pubblikazzjoni aktar bikrija tar-rapport annwali. Qbilna dwar skadenzi għal stadji differenti tal-proċess tar-rapport annwali, li jippermettu lill-QEA tippubblika r-rapport annwali qabel l-iskadenza legali tal-15 ta' Novembru. Għall-2021, ippubblikajna dan fit-13 ta' Ottubru 2022, filwaqt li d-data tal-pubblikazzjoni għar-rapport annwali tal-2022 hija l-5 ta' Ottubru 2023. Il-QEA se tkompli dan l-eżerċizzju għas-snin futuri u se tagħmel ħilitha biex tfittex modi kif tqassar il-proċedura ta' kwittanza.

Indipendenza u integrità

12. X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qiegħed twettaq jew li se twettaq ma tqajjimx dubji dwar it-twettiq ta' dmirijietek fil-QEA?

Il-kodiċi ta' kondotta għall-Membri attwali u preċedenti tal-QEA jiddeskrivi b'mod espliċitu l-obbligi li għandhom isegwu l-Membri fl-eżerċizzju ta' dmirijiethom. Jien insegwi b'mod skrupluż il-kodiċi, li jirrikjedi wkoll is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' interessi annwali. Ma għandi l-ebda affiljazzjoni politika, u lanqas ma kelli xi kariga jew rwol politiku. Barra minn hekk, sabiex niżgura li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar it-twettiq ta' dmirijieti, mhux se nwettaq l-ebda attività esterna.

Nixtieq nenfasizza li ż-żamma tal-indipendenza u l-oġġettività kienet rekwiżit konsistenti matul il-karriera professjonali tiegħi, fid-diversi rwoli li kelli. Dawn il-prinċipji ġejjin mir-responsabbiltajiet etiċi marbuta mas-sħubija tiegħi ma' korpi professjonali tal-kontabilità u tal-awditjar.

Jekk tinqala' sitwazzjoni li fiha jkun hemm kunflitt ta' interess reali jew perċepit, nikkonsulta minnufih mal-Kumitat tal-Etika tal-QEA.

13. Kieku inti kif tittratta irregolarità ewlenija jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħek? Kont f'din is-sitwazzjoni fil-mandat attwali?

Il-politika u l-approċċ tal-QEA lejn l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn huma bbażati fuq il-qafas leġiżlattiv tal-UE (l-Artikoli 287(2) u 325 tat-TFUE) u l-istandards internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar u l-istandards internazzjonali dwar l-awditjar.

Il-QEA qablet dwar arranġamenti ta' ħidma mal-OLAF u mal-UPPE. Filwaqt li l-QEA ma għandhiex il-mandat li tinvestiga każijiet ta' frodi ssuspettati kontra l-interessi finanzjarji tal-UE, meta nidentifikaw każijiet ta' frodi ssuspettati nirrapportawhom lill-OLAF u lill-UPPE fl-istess ħin, meta jkun xieraq. Jekk xi każ ta' frodi jkun tressaq għall-attenzjoni tiegħi, insegwi bis-sħiħ il-proċeduri stabbiliti tal-QEA.

Filwaqt li fl-ewwel mandat tiegħi ma kienx hemm sitwazzjoni bħal din, insib il-frodi kompletament inaċċettabbli u ma nittollerahx. Fil-fehma tiegħi, il-każijiet kollha ta' irregolarità u frodi għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali irrispettivament mill-Istat Membru.

14. L-eżistenza ta' kunflitt ta' interess jista' jiskatta riskju għar-reputazzjoni tal-QEA. Kif timmaniġġja kwalunkwe kunflitt ta' interess?

F'konformità mal-kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-QEA u mal-qafas etiku għall-Membri, jekk tinqala' sitwazzjoni fejn kien hemm kunflitt ta' interess reali jew perċepit, nikkonsulta minnufih lill-Kumitat tal-Etika tal-QEA. Jekk ikun hemm kunflitti ta' interess, niżvelahom lill-Kumitat u, f'konformità ma' dmirijieti, ma ninvolvix ruħi fid-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-każ.

15. Int involut f'xi proċedimenti ġudizzjarji? Jekk iva, ta' liema tip?

Le, m'iniex.

16. X'impenji speċifiċi int lest li tieħu f'termini ta' trasparenza mtejba, aktar kooperazzjoni u segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u t-talbiet għall-awditjar?

Bħala Membru għar-rapport annwali, kont responsabbli għal kompitu intern tal-QEA fejn ivvalutajna kif għandna nimxu fil-futur fil-każ tar-rapport annwali. Fil-qosor, irrieżaminajna r-rapport annwali u d-dikjarazzjoni tal-awditjar ta' aċċertament. Bħala parti minn dan il-proċess, jien stess iltqajt mal-MEPs tal-Kumitat CONT fejn iddiskutejna direttament kwistjonijiet bħall-istruttura tar-rapport annwali, ir-rata ta' żball, il-valutazzjoni speċifika u l-konformità. Interaġixxejt direttament ma' aktar minn 13-il MEP tal-Kumitat CONT jew permezz ta' posta elettronika jew personalment, bi tweġiba għall-mistoqsijiet ta' stħarriġ li għamilna.

Dejjem għamilt ħilti biex nikkoopera u naġixxi b'mod trasparenti mal-Kumitat CONT fi żmieni bħala Membru, u beħsiebni nżomm dan l-impenn. Aħna ħadna azzjoni fuq diversi kwistjonijiet f'dawn l-aħħar snin, li naħseb u nittama li kienu ta' benefiċċju għat-tnejn li aħna.

F'termini ta' talbiet biex isiru awditi, nista' ntenni biss li l-kumitati parlamentari jikkontribwixxu għall-programm ta' ħidma permezz tas-suġġerimenti tagħhom proposti mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Kważi żewġ terzi ta' dawn is-suġġerimenti huma adottati bis-sħiħ jew parzjalment f'ħidma kontinwa jew futura, jew ġew koperti fl-aħħar rapporti tagħna.

Mistoqsijiet oħrajn

17. Se tirtira l-kandidatura tiegħek għal tiġdid tal-mandat jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek għall-kariga ta' Membru tal-QEA ma tkunx favorevoli?

Huwa diffiċli li wieħed jipprevedi li jkun Membru u President tal-QEA mingħajr l-appoġġ tal-Parlament Ewropew. Għalhekk, fil-każ ta' opinjoni mhux favorevoli, jien lest li nirtira l-kandidatura tiegħi.

18. Il-ħatra għall-kariga ta' Membru tal-QEA tirrikjedi attenzjoni u dedikazzjoni sħiħa lill-istituzzjoni nnifisha u li tiġi żgurata fiduċja fl-Unjoni fost iċ-ċittadini tagħha:

– **X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-aħjar mod kif tittieħed responsabbiltà għal dawn id-dmirijiet professjonali?**

Jien iddedikat bis-sħiħ għar-responsabbiltajiet tiegħi fil-QEA, u kif semmejt qabel, ma jien involut fl-ebda attività esterna. Minn mindu kelli 17-il sena, il-karriera professjonali tiegħi kienet iddedikata għall-awditjar tas-settur pubbliku.

Jiena nagħmel enfasi sinifikanti fuq il-fatt li jsir progress fl-għarfien, it-trawwim tal-unità tat-tim, u t-trawwim ta' spirtu ta' kollaborazzjoni fost il-Membri sħab u fi ħdan il-persunal kollu tagħna fil-QEA.

Fir-rwol tiegħi bħala Membru/President tal-QEA, jien inħeġġeġ b'mod konsistenti l-ħidma tal-QEA b'diversi mezzi u permezz ta' pjattaformi differenti. Jien inżomm preżenza attiva fil-media soċjali u għamilt prijorità li matul il-kariga tiegħi bħala membru nżur personalment universitajiet, skejjel, u nikkomunika maċ-ċittadini u mal-professjonisti żgħażagħ. Din is-sensibilizzazzjoni testendi mhux biss għall-promozzjoni tal-QEA iżda wkoll għall-proġett Ewropew kollu kemm hu.

– **X'inhuma l-arranġamenti personali attwali tiegħek f'termini ta' għadd ta' jiem ta' preżenza fil-Lussemburgu? Tippjana li tibdel dawn l-arranġamenti?**

Jien ibbażat b'mod permanenti fil-Lussemburgu. Ilni ngħix hemmhekk mal-familja tiegħi għal ħafna snin u ma għandi l-ebda pjan li nibdel dawn l-arranġamenti.